**Santa Luċija**

# Minuti

## Disà Leġislatura

**Laqgħa Numru 23/2025**
**28 ta' Ottubru 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:18p.m.**

**PREŻENTI:**
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku (5.35pm sa 6.31pm)
Kylie D'Amato – Kunsillier
Connie Debattista – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Liam Sciberras – Kunsillier

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI:**

**23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Il-Kunsillier Sciberras informa li ser ikun indispost.

**23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 22**
Il-Minuti ġew iċċirkolati qabel is-Seduta u ġew meqjusa bħala moqrija.

Minuti 22 ġew approvati mill-Kunsilliera Debattista bħala Proponent u l-Kunsilliera D'Amato bħala Sekondant.

**23.3 Punti mqajjma mill-Minuti 22**
Is-Sindku infurmat li dakinhar ser jiġi kuntrattur sabiex jitneħħew il-hornets minn diversi toroq.

22.4.29: Is-Sindku qrat il-korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Nofsinhar li infurmaw li d-data mid-datatrak kienet qed tuża ammont kbir ta' data għalhekk is-sistema ma kinitx qed taħdem sew (Annex 1).

22.5.16 – Is-Sindku infurmat li l-ispiża biex saret Vjal Oleandri kienet ta' €558,604.78 mingħajr VAT u s-shifting ta' kull bus shelter ġie jiswa €3202.52 (Annex 2).

**23.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar – Settembru 2025**
Is-SE infurmat li l-Accountant qiegħed indispost, għalhekk is-Sindku għaddiet għal item li jmiss fl-Agenda.

**23.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti 23/2025**
L-iskeda ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija. Is-SE infurmat li ġew miżjuda l-Items 43 sa 45 mill-iskeda li ġiet mibgħuta lill-Kunsilliera. Is-SE infurmat li l-Perit infurmaha li għal Item 34 mhemmx għalfejn ikun certified.

L-iskeda ġiet approvata mill-Kunsilliera D'Amato bħala Proponent u l-Kunsilliera Debattista bħala Sekondant.

**23.6 Tneħħija ta' oġġetti mill-Fixed Assett Register**
Il-lista ġiet iċċirkolata qabel is-Seduta u ġiet meqjusa bħala moqrija (Annex 3). Il-Kunsill approva li jitneħħew l-oġġetti immarkati bl-isfar inkluż il-photocopier tal-librerija.

**23.7 Ħatra tal-Kumitat tal-Finanzi**
Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mid-DLG fejn talbu li jiġi maħtur Kumitat tal-Finanzi (Annex 4). Is-Sindku infurmat li dan il-kumitat irid ikun magħmul mis-Sindku, is-SE u l-Accountant u issuġerit li l-membru l-ieħor ikun il-Minority Leader. Il-Kunsill approva. Is-SE infurmat li ser isaqsi lill-Kunsillier Sciberras jekk jaċċettax.

**23.8 Deċizjoni dwar it-tender T/KLS/02/2025 (Parks and Gardens)**
Is-Sindku infurmat li d-deċiżjoni mhux ser titieħed f'din is-seduta minħabba li qed nistennew il-parir legali tal-avukata.

**23.9 Deċiżjoni dwar l-MoU ma Cleansing Malta dwar is-servizz tal-Knis**
Is-Sindku infurmat li l-Kunsill għadu ma rċiviex l-MoU il-ġdid bl-emendi mitluba mill-kunsill u l-avukata tal-Kunsill. Is-Sindku infurmat li sakemm jiġi iffirmat l-MoU, l-Kunsill mhux ser ikun qed iħallas għal dan is-servizz.

**23.10 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

**23.10.1** Is-Sindku għaddiet l'**istatistika** tal-laqgħat li saru matul ix-xahar ta' Ottubru 2025 (Annex 5).

**23.10.2** Is-Sindku infurmat lill-kunsilliera li għamlet kuntatt mal-avukata Dr Bonello sabiex il-Kunsill jipparteċipa fil-konsultazzjoni pubblika ta' **Strengthening Environmental Protection Through Law NL-0032-2025** li tagħlaq f'Diċembru. Il-Kunsill qabel.

**23.10.3** Is-Sindku bi pjaċir infurmat li l-Kunsill ta' Santa Luċija huwa l-ewwel kunsill li qed jipprovdi is-servizz tat-titqiba tal-**vaċċini** fil-lokalita. Is-Sindku rranġat ma tabiba sabiex jiġi provdut dan is-servizz bi ħlas ta' €250 għal kull ġurnata. Il-vaċċin ser jiġi mgħoti il-Ġimgħa 31 ta' Novembru mis-1pm sal-4pm u s-Sibt 1 ta' Novembru mid-8.00am sa 12.00pm ġewwa l-Kunsill. Fl-istess waqt is-Sindku infurmat li ic-CEO tal-Primary Health Care infurmaha li minħabba loġistika dan is-servizz ma jistgħax jingħata mill-Berġa, iżda ser jieħu nota għas-sena d-dieħla.

**23.10.4** Is-Sindku infurmat ukoll li waqt li qed jiġi mgħotti l-vaċċin, ser ikun hawn ukoll il-**Cancer Research and Innovation Hub Malta Mobile Unit** li ser jagħmel testijiet b'xejn lil kulħadd. Is-Sindku u l-Kunsilliera Debattista issuġerew li l-mobile unit jiġi armat ukoll fit-12 ta' Novembru għal Diabetes day. Il-Kunsill qabel.

**23.10.5** Is-Sindku talbet lill-kunsilliera sabiex jitwaqqaf is-servizz tat-tindif tal-**latrini** wara li l-Kunsill ħareġ ġa 3 Default Notices peress li mhux jiġi provdut servizz sew. Il-Kunsill qabel. Is-Sindku u l-Kunsillier Sciberras talbu li ssir laqgħa mal-kuntrattur.

**23.10.6** Is-Sindku u l-Kunsilliera irringrazaw lir-**Reġjun Nofsinhar** li għal sena oħra ser jagħtu €2000 għat-tiżjien/attivitajiet relatati mal-Milied. Is-Sindku infurmat li l-ħaddiema tal-maintanance tar-Reġjun lestew il-ħitan ta' Triq Ċinerarja, u issa bdew iduru Pjazza 7 ta' Lulju.

**23.10.7** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex tiġi organizzata ikla ta' nofsinhar fil-ġurnata tal-**Milied** għall-persuni li huma weħidhom jew anzjani. Is-Sindku għamlet kuntatt mal-Forn tal-Ħabs li aċċettaw li jipprovdu l-ikel u li tinġabar donazzjoni għall-MCCF li ser tiġi ippreżentata waqt l-Istrina. Il-kappillan ser jipprovdi s-sala. Il-Kunsill approva.

Il-Viċi Sindku daħħal għas-Seduta.

**23.10.8** Is-Sindku infurmat li d-DLG approva l-**iskema tal-Milied** u ser niġu mgħotija €15,000. F'din l-iskema hemm ukoll inkluż il-kunċert li ser jiġi organizzat mill-Angelic Voices li ser isir nhar it-13 ta' Diċembru 2025. Is-Sindku issuġeriet li tiġi mibgħuta email bl-applikazzjoni tal-iskema u dawk il-Kunsilliera li jixtiequ jiprovdu l-għajnuna tagħhom jinforma lill-Kunsill. Is-Sindku infurmat li minn naħa tagħha tkellmet ukoll mal-iskola u Right 2 Smile sabiex isiru outdoor decorations għal-ġnien.

**23.10.9** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill li irċieva stima waħda għat-**tiżjin tat-toroq** bid-dawl tal-Milied li din ġiet approvata (Annex 7). Il-Kunsilliera Debattista kkjarifikat li s-siġra tal-Milied tkun siġra ta' veru filwaqt li il-Kunsilliera D'Amato issuġeriet li tiżżejjen siġra li hemm fil-ġnien. Ġie maqbul li tiġi mżejna siġra taċ-ċipress li tinsab fil-ġnien. It-tiżjin fit-toroq ser tieħu ħsieb il-Kunsilliera Debattista.

**23.10.10** Is-Sindku infurmat li nhar il-Ġimgħa 31 ta' Ottubru ser isir l-attivita tal-**Halloween** grazzi għall-għajnuna ta' Project Green. F'din l-attivita kien ser ikun hemm ukoll r-Right 2 Smile iżda minħabba impenji oħra ma jistgħux jippartećipaw. Il-minuti tal-laqgħa li saret ma Right 2 Smile ġew iċċirkolati qabel is-Seduta (Annex 8).

**23.10.11** Is-Sindku infurmat li fil-15 ta' Ottubru 2025 saret laqgħa mar-residenti ta' **Triq il-Ġibjun** fejn ir-residenti qablu li jitneħħew il-kaxxi tal-parking, u minflok is-sinjali ta' parkeġġ isiru bħal ta' Vjal Oleandri (continous). Il-Kunsilliera Debattista infurmat li dawn saru l-ġurnata ta' qabel il-laqgħa.

**23.10.12** Is-Sindku infurmat li inħarġet l-iskema għall-**Mobility Initiatives 2025** (AKL/2025/65) fejn issuġeriet li ssir bħal electrical trail, fejn ġa sar proġett pilota ġewwa l-Universita. Il-Kunsill approva din l-idea, għalhekk is-Sindku ser titkellem mal-perit sabiex dan il-proġett pilota jiġi ippruvat ġewwa Santa Luċija. Fl-istess waqt is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li saret ma TM tal-laqgħa li saret it-Tnejn 25 ta' Ottubru 2025 (Annex 9).

**23.10.13** Is-Sindku infurmat li IM bagħtu l-pjanti tal-**Call Off** ta' Triq Maria de Domenicis, Triq Ċikwejra u Triq Kaħwiela (Annex 10). Is-SE reġgħet bagħtet lill-IM kif ma ġietx imdaħħla t-two way ta' Triq Katarina Vitale u sas-seduta konna għadna bla risposta.

**23.10.14** Is-Sindku infurmat li iltaqgħet mal-Perit ta' IM u l-kuntratturi li kienu ser jagħmlu x-xogħol fi **Triq it-Tulipan.** Peress li din it-triq tinsab fi stat tajjeb, ġie issuġerit li jsiru Triq iż-Żienja u Triq il-Petunja. Il-Kunsill approva. Fl-istess waqt il-Kunsilliera Debattista infurmat li t-triq fi Triq Klematis (il-parti ta' ħdejn il-BIS) qed tgħola l-art. Is-Sindku ser tgħaddi r-rapport lil IM.

**23.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Jannar – Settembru 2025**

Ir-Rapport Finanzjarju ġie iċċirkolat qabel is-Seduta u ġie meqjus bħala moqri.

L-accountant Daniel Galea spjega li d-dejn huwa wieħed ikkontrollat u bħala kunsill żamm l-istess sitwazzjoni f'dawn l-aħħar sentejn. L-iktar spiża sostanzjali hija fil-Professional Fees (periti, avukati, eċċ), Il-Kunsill qed jinvesti ħafna fil-Fixed Assets li l-maġġoranza tagħhom huma mixtrija grazzi għall-iskemi.

Ir-rapport ġie approvat b'mod unanimu.

**23.10.15** Is-Sindku infurmat li l-avukata Dr Bonello bagħtet l-oġġezzjoni tagħha f'isem il-Kunsill dwar **PA/6151/25** (Annex 11)

**23.10.16** Is-Sindku qrat il-korrispondenza ta' Dr Bonello fejn infurmat li **PAB/153/25 u PA/5910/23,** (Annex 12) ġiet parzjalment favur l-oġġezzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li wara jiġu issotometati l-pjanti l-ġodda ser jiddiskutu jekk il-Kunsill jappellax jew le wara l-parir tal-avukata.

**23.10.17** Is-Sindku spjegat li bil-liġi, il-**Bye Laws** jridu jiġu diskussa mar-residenti qabel ma tiġi approvata mill-Kunsill. Għalhekk is-Sindku issuġeriet li matul il-Laqgħa Annwali, jiġu diskussi wkoll il-bye laws mar-residenti. Il-Kunsill qabel.

**23.10.18** Is-Sindku infurmat li l-amministrazzjoni tal-Kunsilli qed jingħataw iċ-ċans li jagħżlu s-**sistema tal-permessi** huma. Is-SE spjegat li għal ġid tar-residenti u anke tal-ħaddiema, nibqgħu nużaw l-istess sistema. Il-Kunsill approva li nżommu s-sistema preżenti.

**23.10.19** Is-Sindku infurmat li l-Ministeru tal-Edukazzjoni għamlu MoU ġdid u qed jitolbu fee għall-użu tas-Sala għal **Aerobics**. Il-Kunsill ma aċċettax li jħallas il-fee li tammonta għal €1477 fis-sena (Annex 13). Fl-istess waqt is-Sindku qedha f' kuntatt mal-Kulleġġ peress li ġiet infurmata li ser jirrevedu l-prezzijiet. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mas-Sur Higgans, fejn il-minuti ġew iċċirkolati qabel is-seduta (Annex 14).

**23.10.20** Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera sabiex jiġu irranġati s-sinjali tal-parkeġġ ta' Triq **Ġuljetta Lopez** k/m Triq Helen Buhagiar. Il-Kunsill approva.

**23.10.21** Resident talab lis-Sindku sabiex issir **bandiera** fil-bidu ta' Santa Luċija. Il-Kunsill approva li l-arblu jsir ħdejn il-klabb tal-Boċċi.

**23.10.22** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mid-DLG li infurmaw li l-MITA ser ittejeb l-infrastruttura tan-networks ġewwa l-Kunsilli Lokali.

**23.10.23** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba sabiex il-**librara** jingħataw €500 sabiex jinxtraw kotba għall-librerija. Il-Kunsill approva. Il-Kunsilliera Debattista issuġeriet sabiex isir kwestjonarju lill-membri li jużaw is-servizz tal-librerija sabiex naraw x'tip ta' kotba jixtiequ. Il-Kunsill approva u ser tieħu ħsieb il-Kunsilliera Debattista.

**23.10.24** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera Debattista sabiex tieħu ħsieb l-organizzati ta' diversi **attivitajiet** għax-xahar ta' Novembru relatati ma San Martin u l-Jum Dinji tat-tfal. Il-Kunsill approva dawn l-attivitajiet. Il-Kunsilliera D'Amato issuġeriet li għal Jum Dinji tat-tfal jiġu involuti wkoll il-Kummissarju tat-tfal.

**23.10.25** Is-Sindku infurmat li l-Kunsillier Sciberras prepara l-proposta tiegħu għall-**EWWR** li dan ġie approvat mill-Kunsill. Is-Sindku talbet li l-Kunsillier Sciberras jipprepara x'budget għandu bżonn sabiex jiġi mgħoddi għall-approvazzjoni (Annex 14).

**23.10.26** Is-Sindku ġiet avviċinata minn residenta li toqgħod **Triq Katarina Vitale** li parti mill-propjeta tagħha ġiet vandalizzata. Il-Kunsill approva li jagħmilha fencing mill-finanzi tiegħu.

**23.10.27** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mid-DLG dwar l-iskema tac-**CIES**. Il-Kunsill approva li r-requirements jitnaqqsu għal O'Level tal-Malti u/jew Ingliż.

**23.10.28** Is-Sindku irċiviet rapport mingħand resident li fi **Triq id-Dalja** qed ikun hemm ammont kbir ta' skart illegali. Il-Kunsill approva li l-mobile camera ta' Binja tal-Faqqani timxi għal Triq id-Dalja u wara ftit titmexxa Triq il-Kamelja ħdejn l-iskola ħabba l-ħmieġ li qed jintrema.

**23.10.29** Is-Sindku irċiviet suġġeriment mingħand resident sabiex isir mafkar għal **Franco Serracino Inglott** li kien Direttur Ġenerali tal-Agrikoltura u kellhu għal qalbu il-proġett ta' Ġnien iċ-Ċiniżi. Il-kunsill qabel a spejjeż tal-Kunsill li ssir plakka fil-ħamrija fid-daħla ta' Ġnien is-Serenita.

Il-Viċi Sindku skuża ruħu mis-Seduta.

**23.10.30** Is-Sindku irċiviet talba mingħand resident sabiex isir **Communal Reserved Parking Bay** fi Vjal Oleandri viċin tal-Klabb tal-Boċċi. Il-Kunsill approva li napplikaw għall-Communal Reserved Parking Bay viċin Triq il-Ġnien.

**23.10.31** Is-Sindku rċiviet talba sabiex ż-żewġ **Unloading Bays** fi Dawret it-Torri jiġu timed minħabba li qed ikun hemm diversi abbużi fil-parkeġġ. Il-Kunsill approva li jsiru 30 minute timed.

**23.10.32** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Alex Spiteri li informa li ma jistax jibqa jieħu ħsieb s-Santa Lucia **Sports** Club. Peress li r-responsabilta tas-Sindku hija l-sports, qed tieħu ħsieb hi. Fl-istess waqt, is-Sindku irċiviet korrispondenza mingħand is-Sur Marko Chadikovski li xtaq li jibda jorganizza 2 sessjonijiet ta' futbol minflok sessjoni waħda għal prezz ta' €50 kull session. Il-Kunsill ma approvax.

**23.10.33** Is-Sindku qrat korrispondenza ta' **student** li jixtieq jagħmel xogħol volontarju mal-Kunsill. Il-Kunsill approva.

**23.10.34** Is-Sindku qrat korrispondenza mingħand it-**Tourism Zones Regeneration Agency** li jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill dwar x-xogħolijiet li jistgħu jagħmlu ġewwa Santa Luċija. Is-Sindku infurmat li ser jintbagħat l-invit lill-Kunsilliera, u sadanittant il-Kunsilliera jistgħu jibgħatu l-proposti tagħhom sabiex jiġu diskussi f'din il-laqgħa.

**23.10.35** Is-Sindku b'dispjaċir infurmat li l-attivita li kienet ser issir bl-iskema tal-**kultura** ġiet ikanċellata minħabba x-xita. Il-Kunsill issuġeriexa li għall-attivitajiet oħra jibda jkollna pjan f'każ ta' xita.

**23.10.36** Is-Sindku talbet lill-Kunsilliera Debattista tispjega s-sitwazzjoni tal-**Librerija**. Il-Kunsilliera Debattista infurmat li fil-librerija hemm kotba li mhumiex adattati għat-tfal esebiti fis-sezzjoni tat-tfal (fis-seasonal) kif ukoll li qed jintqal kliem li mhux minnhu. Is-Sindku infurmat li ser titkellem mal-librara. Ġie approvat li jiġi ordnat is-shelving sabiex titpoġġa minflok il-printer.

**23.10.37** Il-Kunsilliera Debattista infurmat li xtrat il-pjanti li qed tippjana li jintużaw fil-Pavillion sabiex tara jekk jaddattawx fl-ambjent. F'każ li tara li huma adattati, ser tixtri għall-pavillion.

### 23.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**23.11.1 Il-Kunsilliera D'Amato** talbet biex jitmexxa d-doggy bin tal-picnic area minħabba li qiegħed f'post

mhux adattat.  Is-Sindku infurmat li dan tmexxa.

**23.11.2 Il-Kunsillera D'Amato** infurmat li hemm diversi bozoz maqtugħin fil-picnic area.  Is-Sindku infurmat li ser jiġu mibdula u kkuluriti.

**23.11.3 Il-Kunsillera D'Amato** talbet li jsir manutenzjoni fuq il-bankijiet tal-picnic area.  Is-Sindku infurmat li ser ninfurmaw ma Tourism Zones Regenaration Agency.

**23.11.3 Il-Kunsillera D'Amato** staqsiet fhix wasal il-proċess tal-green wall fil-picnic area.  Is-Sindku infurmat li s-sistema tal-irrigazzjoni lesta u qed tistenna risposta ta' meta ser isir it-tħawwil.

**23.11.4 Il-Kunsillera D'Amato** infurmat li hemm xi siġar mejta jew mingħajr support fil-picnic area.  Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-ERA dwar dan u ser jiġu maqlugħa/irranġati.

**23.11.5  Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet jekk tistax issir tabella biex ma jintremix ħmieg u ikel fi Triq Kamelja.  Is-Sindku wieġbet li ser issir tieħu l-permess tal-iskola qabel titwaħħal it-tabella, kif ukoll ġa ġie mgħoddi r-rapport lil Cleansing Malta.

**23.12 Mozzjoni: 04-25 – Firien f'Santa Luċija mill-Kunsilliera Debattista**

**Il-Kunsilliera Debattista** ikjarrifikat li bħala Kunsill qed jagħmel xogħolu, iżda ma għandiex biżżejjed infurzar.  Hija fakkret li r-residenti jridu jkunu responsabbli, jikoperaw mal-Kunsill kif ukoll talbet li fejn hemm il-katusi ħirġin mid-djar għal ġot-triq isirilhom x-xbieki.  Il-Kunsilliera Debattista qed talbet lill-Kunsill sabiex jżid il-kampanja edukattiva, filwaqt li l-priorita ta' kulħadd trid tkun l-indafa kemm barra kif ukoll ġewwa.

**Is-Sindku** kjarifikat li ċertu cat feeders mhux qed inaddfu wara, iżda l-knis żdied u ser tipprova titlob lis-sanita, sabiex meta jkunu ser jagħmlu l-velenu tal-ġrieden, jinfurmaw lill-Kunsill minn qabel.  Fl-istess waqt is-Sindku ser titlob li ssir laqgħa mas-Sanita, fejn il-Kunsilliera Debattista ġiet mħeġġa li tattendi.

Is-Sindku talbet li tiġi miżjuda il-kelma 'jkompli' fl-aħħar paragrafu sabiex tinqara:

"2. Ghalhekk, dan il-Kunsill Lokali **jkompli** jirrisolvi u..."

**Il-Kunsilliera D'Amato** infurmat li kif instabet soluzzjoni għall-lokalitajiet oħra, tinstab soluzzjoni għal Santa Luċija wkoll.

Din il-Mozzjoni ġiet approvata unanimanet bl-emenda tas-Sindku.

**23.13   Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7.08pm u s-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 25 ta' Novembru 2025 fil-5.15pm.

Dawn il-minuti ġew ikkonfermati 25 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ___________________________ | ___________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |